18.11.2015 A8-0316/19

**Emenda 19**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Kostas Chrysogonos, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson, Malin Björk**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi d-diskriminazzjoni u r-restrizzjonijiet fil-libertajiet u d-drittijiet tal-individwi, kif ukoll il-marġinalizzazzjoni u l-abbandun, huma wħud mill-kawżi ewlenin ta' aljenazzjoni u t-tnaqqis fis-setgħa ta' ħafna żgħażagħ li jgħixu fis-subborgi, u billi dawn iż-żoni suburbani sofrew tnaqqis qawwi fil-fondi allokati għal ħidma bbażata fil-komunità;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/20

**Emenda 20**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Martina Anderson, Malin Björk**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi r-radikalizzazzjoni m'għandhiex tiġi assoċjata ma' ebda ideoloġija jew fidi partikolari iżda tista' tokkorri fi kwalunkwe waħda minnhom; | G. billi r-radikalizzazzjoni ***vjolenti*** m'għandhiex tiġi assoċjata ma' ebda ideoloġija jew fidi partikolari iżda tista' tokkorri fi kwalunkwe waħda minnhom, ***u billi r-reliġjon mhux, u ma jistax ikun, l-identità ta' individwu li tinkludi kollox, u li persuna titqies bħala mwaħħla b'mod fiss f'kategorija waħda, u waħda biss, tħassar ir-rabta kumplessa ta' gruppi multipli u ta' lealtajiet multipli, li tissostitwixxi ir-rikkezza sħiħa tal-ħajja tal-bniedem b'formula ċirkoskritta li tinsisti li kull persuna "tinsab" biss f'kompartiment wieħed;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/21

**Emenda 21**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Kostas Chrysogonos, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson, Malin Björk**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi wieħed mill-argumenti użati minn estremisti vjolenti fir-reklutaġġ taż-żgħażagħ huwa li l-Iżlamofobija qed jiżdied, wara snin ta' gwerra kontra t-terroriżmu, u li l-Ewropa m'għadhiex post fejn il-Musulmani huma milqugħa jew jistgħu jgħixu fl-ugwaljanza u jipprattikaw il-fidi tagħhom mingħajr diskriminazzjoni u stigmatizzazzjoni; billi dan jista' jwassal għal sens ta' vulnerabbiltà, rabja aggressiva, frustrazzjoni, solitudni u iżolament mis-soċjetà;*** |

Or. en

18.11.2015 A8-0316/22

**Emenda 22**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Kostas Chrysogonos, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Maštálka, Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson, Dimitrios Papadimoulis, Malin Björk**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–1. Fid-dawl tal-avvenimenti drammatiċi f'Pariġi, jikkundanna l-attakki qattiela, u jesprimi l-kondoljanzi u s-solidarjetà tiegħu mal-vittmi u l-familji tagħhom, filwaqt li jafferma mill-ġdid il-ħtieġa biex jieħu pożizzjoni kontra l-vjolenza; jikkundanna wkoll l-użu ta' sterjotipi u tad-diskors razzist u ksenofobiku u prattiki minn individwi u awtoritajiet kollettivi li, direttament jew indirettament, jassoċjaw l-attakki terroristiċi mar-refuġjati li fil-preżent qed jaħarbu minn pajjiżhom biex ifittxu post aktar sikur, li qed jaħarbu mill-gwerra u minn atti ta' vjolenza li jsiru ta' kuljum fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 23**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Kostas Chrysogonos, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jiċħad id-dikotomija falza tas-sigurtà versus il-libertà; huwa tal-fehma li l-libertà individwali u r-rispett tad-drittijiet fundamentali huma s-sisien u prekundizzjoni għas-sigurtà fi kwalunkwe soċjetà;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/24

**Emenda 24**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Marina Albiol Guzmán, Jiří Maštálka, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson, Malin Björk**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Huwa kritiku ħafna tar-rwol li d-diversi interventi tal-Punent ta' dawn l-aħħar snin żvolġew fit-trawwim tar-radikalizzazzjoni tal-individwi, speċjalment fl-Afganistan, fil-Lvant Nofsani u fil-pajjiżi tal-viċinat tan-Nofsinhar; jenfasizza li dawn il-politiki qed jippromwovu, mhux jopponu, it-terroriżmu;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/25

**Emenda 25**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jikkunsidra li permezz tar-referenzjar fuq l-internet, ***l-industrija*** tal-internet ***u l-forrnituri tas-servizzi tal-internet*** għandhom is-setgħa li jagħtu aktar saħħa lill-messaġġi ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni ***bl-għan*** li ***jiġu ffaċċjati l-messaġġi li jiġġustifikaw it-terroriżmu***; iqis li għandha tinħoloq unità Ewropea speċifika fi ħdan l-Europol, sabiex taqsam il-prattiki tajbin fl-Istati Membri, filwaqt li tikkoopera b'mod permanenti mal-operaturi tal-internet, sabiex jitfgħu fuq quddiem il-messaġġi li jopponu d-diskors ta' mibegħda u t-tfaħħir tat-terroriżmu, u b'hekk jirrendu r-radikalizzazzjoni permezz tal-internet aktar diffiċli; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġjaw l-użu effettiv ta' kontronarrattivi u miżuri ta' taffija permezz tal-internet; | 19. Jikkunsidra li permezz tar-referenzjar fuq l-Internet, ***il-kumpaniji*** tal-internet għandhom is-setgħa li jagħtu aktar saħħa lill-messaġġi ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni; ***jinnota madanakollu*** li ***f'ambjent kumpless ħafna, azzjoni viġilanti minn tali kumpaniji tista' tkun, jew tista' minnufih tibda tkun kontroproduttiva; jinnota li tali kumpaniji la għandhom il-leġittimità demokratika u lanqas il-motivazzjoni biex jimplimentaw il-proċessi meħtieġa ta' eżami kontinwi diliġenti biex tali attivitajiet jitwettqu b'mod sigur;*** jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġjaw l-użu effettiv ta' kontronarrattivi u miżuri ta' taffija permezz tal-internet; |

Or. en



Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/26

**Emenda 26**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Kostas Chrysogonos, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jenfasizza li d-diversità tal-Ewropa u l-komunitajiet multikulturali tagħha huma parti integrali min-nisġa soċjali tagħha u huma beni kulturali fundamentali; iqis li kwalunkwe politika għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni trid tkun sensittiva u proporzjonata bil-għan li tirrispetta u ssaħħaħ in-nisġa soċjali mżewqa tal-komunitajiet; | 28. Jenfasizza li d-diversità tal-Ewropa u l-komunitajiet multikulturali tagħha huma parti integrali min-nisġa soċjali tagħha u huma beni kulturali fundamentali; iqis li kwalunkwe politika għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni ***vjolenti*** trid tkun sensittiva u proporzjonata bil-għan li tirrispetta u ssaħħaħ in-nisġa soċjali mżewqa tal-komunitajiet; ***jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw politiki bbażati fuq il-promozzjoni ta' ekwità u l-għoti tas-setgħa lill-individwi marġinalizzati sabiex jisfidaw id-diskriminazzjoni u l-ostakli tal-faqar strutturali, filwaqt li jissaħħu l-proċessi demokratiċi;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/27

**Emenda 27**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 29. Jenfasizza l-importanza li l-programmi ta' deradikalizzazzjoni jingħaqdu ma' miżuri bħall-istabbiliment ta' sħubijiet mar-rappreżentanti tal-komunità, l-investiment fi proġetti soċjali u tal-viċinat intiżi biex iħarbtu l-marġinalizzazzjoni ekonomika u ġeografika, u biex jingħata appoġġ lill-iskemi ta' konsulenza għal żgħażagħ aljenati u esklużi meqjusa f'riskju ta' radikalizzazzjoni; ifakkar li l-Istati Membri kollha huma obbligati li jimplimentaw b'diliġenza strumenti tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u jieħdu miżuri effikaċi biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni, diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda bħala parti minn strateġija għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni; | 29. Jenfasizza l-importanza li l-programmi ta' deradikalizzazzjoni jingħaqdu ma' miżuri bħall-istabbiliment ta' sħubijiet mar-rappreżentanti tal-komunità, l-investiment fi proġetti soċjali u tal-viċinat intiżi biex iħarbtu l-marġinalizzazzjoni ekonomika u ġeografika ***fi żvilupp urbanistiku ġdid adattat għat-tibdil fis-soċjetà,*** u biex jingħata appoġġ lill-iskemi ta' konsulenza għal żgħażagħ; ifakkar li l-Istati Membri kollha huma obbligati li jimplimentaw b'diliġenza strumenti tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u jieħdu miżuri effikaċi biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni, diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda bħala parti minn strateġija għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/28

**Emenda 28**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Kostas Chrysogonos, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30a. Jilqa' inizjattivi madwar l-UE kollha mmirati biex jiġu indirizzati l-lakuni fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-prattiki ta' integrazzjoni tal-migranti bħal l-inizzjattiva "L-Integrazzjoni tal-Bliet" imnedija fl-2006 minn EUROCITIES u mill-Kummissjoni;*** |

Or. en

18.11.2015 A8-0316/29

**Emenda 29**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Kostas Chrysogonos, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson, Malin Björk**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***35a. Ifakkar li ż-żieda tal-Iżlamofobija fl-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi għall-esklużjoni tal-Musulmani mis-soċjetà, li tista' toħloq sitwazzjoni ideali biex individwi vulnerabbli jingħaqdu ma' organizzazzjonijiet estremisti vjolenti; jikkunsidra li l-Iżlamofobija fl-Ewropa hija mbagħad immanipulata minn organizzazzjonijiet bħad-Da'esh għall-propaganda u reklutaġġ; għalhekk jirrakkomanda l-adozzjoni ta' qafas Ewropew għall-adozzjoni ta' strateġiji nazzjonali biex tiġi miġġielda l-Iżlamofobija, sabiex tingħeleb ukoll id-diskriminazzjoni li xxekkel l-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjiegi u l-abitazzjoni.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/30

**Emenda 30**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Stelios Kouloglou, Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 37a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***37a. Jopponi l-atmosfera attwali ta' ħolqien ta' biża paranojka sabiex jitħaffu iktar miżuri kontra t-terroriżmu qabel ma tiġi vvalutata l-ħtieġa legali tagħhom jew qabel ma titwettaq valutazzjoni tal-ġabra ta' miżuri attwali kontra t-terroriżmu;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/31

**Emenda 31**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Kostas Chrysogonos, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43a. Iqis li l-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar għandha tkun prijorità tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali serja u organizzata; jemmen li, b'mod partikolari, trid tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni rigward il-mekkaniżmi tal-iskambju tal-informazzjoni u t-traċċabilità u l-qerda tal-armi projbiti;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 32**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Kostas Chrysogonos, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43b. Jikkritika bil-qawwa l-kummerċ intensiv tal-armi ta' wħud mill-Istati Membri ma' għadd ta' membri tal-Lega tal-Istati Għarab (LAS) li huma ripressivi ħafna, bħall-Arabja Sawdija, l-Eġittu u l-Marokk; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kunsill jivverifika jekk kienx hemm ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE fil-qasam tal-esportazzjoni tal-armi u biex jadotta miżuri stretti bil-għan li dan il-kodiċi jiġi rrispettat bis-sħiħ mill-Istati Membri kollha; jappella għas-sospensjoni u l-projbizzjoni tal-esportazzjoni tal-gass tad-dmugħ u ta' materjal għall-kontroll tal-folol lejn pajjiżi LAS sakemm ikunu saru l-investigazzjonijiet fir-rigward tal-użu mhux xieraq tagħhom u sakemm dawk li għamlu tali użu ħażin jinżammu responsabbli;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 33**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Marina Albiol Guzmán, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 45a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***45a. Iwissi kontra t-tentazzjoni li wieħed jerġa' lura għal prattiki preċedenti ta' kollużjoni ma' reġimi awtoritarji li huma membri tal-Lega tal-Istati Għarab għall-finijiet ta' sigurtà, stabbiltà u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, liema prattiki kienu ineffikaċi u nieqsa minn viżjoni; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' stati li huma ripressivi ħafna li jwettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem b'mod mifrux fil-pajjiżi tagħhom, inkluża l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt għal varjetà wiesa' ta' reati, tortura, kastig fiżiku, eżekuzzjonijiet arbitrarji u d-detenzjonijiet, proċessi militari massivi, ripressjoni vjolenti fuq protesti soċjali u l-okkupazzjoni ta' territorji oħra;*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 46a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***46a. Iqis li l-UE għandha tirrevedi b'mod drastiku l-politika esterna tagħha, b'mod partikolari l-istrateġija tagħha lejn in-Nofsinhar tal-Mediterran, bħala parti tar-rieżami preżenti tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), fid-dawl tal-falliment tagħha; jitlob lill-UE tistabbilixxi qafas ġdid ta' relazzjonijiet ma' dawn il-pajjiżi u reġjuni abbażi ta' nuqqas ta' intervent fl-affarijiet interni tagħhom u b'rispett għas-sovranità tagħhom, u bl-għan li jappoġġa l-iżvilupp ta' reġjuni tal-viċinat u tal-promozzjoni tal-impjieg u l-edukazzjoni, aktar milli "ftehimiet ta' assoċjazzjoni" li jservu primarjament biex jiġu stabbiliti żoni ta' kummerċ ħieles ta' benefiċċju għall-interessi tal-kumpaniji Ewropej;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

18.11.2015 A8-0316/35

**Emenda 35**
**Barbara Spinelli, Curzio Maltese, Kostas Chrysogonos, Matt Carthy, Sofia Sakorafa, Patrick Le Hyaric, Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Martina Anderson**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0316/2015**
**Rachida Dati**
Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 48a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***48a. Huwa mħasseb dwar l-enfasi fuq "soluzzjonijiet" militari fil-politiki tal-UE tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, li twassal għal għadd kbir ta' programmi ta' assistenza militari għal reġimi awtoritarji li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċitajiet militari tagħhom u b'hekk jappoġġjaw il-politiki ripressivi tagħhom;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità